

Paġna ewlenija > Leġiżlazzjoni u każistika > Leġiżlazzjoni nazzjonali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Polonja

Din il-paġna tipprovdi b'informazzjoni dwar is-sistema legali fil-Polonja.

Il-Polonja hija repubblika li għandha gvern f'forma demokratika. Is-setgħa leġiżlattiva hija vestita fil-Parlament, li jikkonsisti fil-kamra inferjuri – is-**Sejm** – u l-kamra superjuri – is-**Senat**. Is-setgħa eżekuttiva hija vestita fil-**President tar-Repubblika tal-Polonja Poland (Prezydent Rzeczypospolitej Polskiej)** u l-**Kunsill tal-Ministri (Rada Ministrów)**. Is-setgħa ġudizzjarja hija vestita fil-qrati u fit-tribunali.

Is-sistema legali Pollakka hija bbażata fuq is-sistema legali kontinentali (**tradizzjoni tal-liġi ċivili**). Il-qrati komuni fil-Polonja huma l-**qrati tal-appell (sądy apelacyjne)**, il-**qrati provinċjali (okręgi) (sądy okręgowe)** u l-**qrati tad-distrett (rejon) sady rejonowe**. Huma kompetenti biex jisingħu kawżi kriminali, kawżi tal-liġi ċivili, kawżi tal-familja u kawżi dwar il-kustodja, kawżi dwar il-liġi tax-xogħol u kawżi dwar l-assigurazzjoni soċjali.

Il-**ġudikatura amministrattiva (Sąd Najwyższy)** taqa' taħt il-Qorti I-Għolja Amministrattiva (Naczelny Sąd Administracyjny), li għandha l-kontroll ġudizzjarju tal-amministrazzjoni pubblika.

Il-**Qorti Suprema** hija l-ogħla organu ġudizzjarju ċentrali fir-Repubblika tal-Polonja, u għalhekk hija l-ogħla qorti tal-appell. Il-funzjonijiet ewlenin tal-Qorti Suprema huma li tamministra l-ġustizzja fil-Polonja (flimkien mal-qrati komuni, amministrattivi u militari), li tikkonsidra l-kassazzjoni bħala forma ta' appell straordinarju u li tadotta riżoluzzjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-liġi.

Il-**Tribunal Kostituzzjonali (Trybunał Konstytucyjny)** huwa organu tal-ġudikatura. Huwa kompetenti biex jiddeċiedi dwar:

Il-konformità ta' liġi pubblika mal-Kostituzzjoni

Tilwim dwar il-kompetenza bejn l-organi tal-amministrazzjoni ċentrali

Il-konformità tal-għanijiet u l-attivitajiet tal-partiti politiċi fi ħdan il-Kostituzzjoni

Ilmenti kostituzzjonali mressqa minn ċittadini

Il-verżjoni Ingliża tal-Att li jirregola t-Tribunal Kostituzzjonali u Atti oħrajn relatati huma provduti fuq il-paġna web tat-**Tribunal Kostituzzjonali Pollakk**.

Sorsi tal-liġi

Is-sorsi tal-liġi Pollakka huma l-Kostituzzjoni, l-istatuti, il-ftehimiet internazzjonali rratifikati u r-regolamenti. Il-Kostituzzjoni hija meqjusa bħala s-sors l-aktar importanti tal-liġi Pollakka. Fiha informazzjoni dwar is-sistema legali Pollakka, l-organizzazzjoni istituzzjonali, is-sistema ġudizzjarja u l-awtoritajiet lokali. Tkopri wkoll il-libertajiet u d-drittijiet politiċi. Il-Kostituzzjoni vinkolanti bħalissa ġiet promulgata fl-1997. It-test tal-Kostituzzjoni Pollakka huwa disponibbli fuq is-sit web tal-**Kamra inferjuri tal-Parlament Pollakk (Sejm)** bil-Pollakk, bil-Ingliż, bil-Ġermaniż, bil-Franċiż u bir-Russu.

Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni

L-istatuti (ustawy) huma strumenti universalment vinkolanti li jkopru kwistjonijiet sinjifikanti. Kwalunkwe kwistjoni tista' tkun s-suġġett ta' statut. F'xi każijiet, il-Kostituzzjoni timponi obbligu li kwistjoni speċifika tiġi regolata minn statut: pereżempju, baġit jew l-istat legali taċ-ċittadini.

Skont il-Kostituzzjoni Pollakka, xi **ftehimiet internazzjonali (umowy międzynarodowe)** għandhom, qabel ma jiġu rratifikati, jiġu kkonfermati minn statut, li għandu jiġi adottat mill-parlament u ffirmat mill-President. Dawn jinkludu kwistjonijiet bħall-alleanzi, trattati politiċi jew militari; il-libertajiet, id-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini; l-isħubija fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, u kwistjonijiet oħrajn regolati mill-Kostituzzjoni.

Ir-regolamenti (rozporządzenia) jinħarġu mill-korpjiet regolatorji msemmija fil-Kostituzzjoni kif awtorizzati minn statut.

Il-Kunsill tal-Ministri huwa intitolat li joħroġ **riżoluzzjonijiet (uchwały)** ta' natura interna, li huma vinkolanti biss fuq l-unitajiet organizzazzjonali li huma subordinati għall-istituzzjoni li toħroġ ir-riżoluzzjoni; dawn ma jistgħux jipprovdu l-bażi legali għal deċiżjonijiet meħuda dwar ċittadini, persuni legali u suġġetti oħrajn.

L-awtoritajiet tal-gvern lokali u l-awtoritajiet lokali tal-amministrazzjoni governattiva jstgħu, fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni minn statut, joħroġu **liġijiet lokali (akty prawa miejscowego)** li japplikaw għaż-żoni tal-amministrazzjoni tagħhom.

Ġerarkija ta' normi

Il-Kostituzzjoni hija s-sors ewleni tal-liġi Pollakka. Normi oħrajn fil-ġerarkija tal-Kostituzzjoni Pollakka huma ftehimiet internazzjonali ratifikati, regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea, statuti, ordnijiet u Atti tal-awtoritajiet lokali.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli mill-adozzjoni tar-regoli legali

Is-setgħa leġiżlattiva hija eżerċitata mis-**Sejm** u mis-**Senat**, iż-żewġ ikmammar tal-**Parlament Pollakk**. Il-Membri huma eletti għal **kariga ta' erba' snin**. Id-dritt ta' introduzzjoni tal-leġiżlazzjoni tappartjeni lid-deputati, lis-**Senat**, lill-**President tar-Repubblika tal-Polonja** u lill-**Kunsill tal-Ministri**. Id-dritt ta' introduzzjoni tal-leġiżlazzjoni tappartjeni wkoll għal grupp ta' **mħux inqas minn 100,000 ċittadin**, li għandhom id-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet tas-**Sejm**.

Is-**Sejm** jikkunsidra l-**Abbozzi** fi tliet qarjiet. Meta **Abbozz** ikun ġie adottat mis-**Sejm** u mis-**Senat**, jintbagħat lill-**President** għall-firma. Il-**President** jista', qabel ma jiffirma **Abbozz**, jirreferih lit-**Tribunal Kostituzzjonali** biex jaġġudika dwar il-konformità tiegħu mal-Kostituzzjoni.

Il-Kunsill tal-Ministri jiżgura l-implimentazzjoni tal-**istatuti**, joħroġ **regolamenti**, jikkonkludi **ftehimiet internazzjonali li jeħtieġu ratifika**, u jaċċetta jew jirrinunzja **ftehimiet internazzjonali oħrajn**.

Proċess deċiżjonali

Inizzjazzjoni

Il-leġiżlazzjoni tista' tiġi introdotta mid-deputati, mis-**Senat**, mill-**President tar-Repubblika**, mill-**Kunsill tal-Ministri** u minn grupp ta' mħux inqas minn 100,000 ċittadin intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet tas-**Sejm**.

Fil-parti l-kbira tal-każijiet, l-**Abbozzi** jiġu sottomessi mill-**Kunsill tal-Ministri** jew mid-deputati.

Abbozz, mal-ġustifikazzjoni tiegħu, għandu jiġi sottomess lill-**Marixxal tas-Sejm (Marszałek Sejmu)**, li jibagħtha lill-**President tar-Repubblika**, lis-**Senat** u lill-**President tal-Kunsill tal-Ministri (prim ministru)**.

Diskussjoni

Is-**Sejm** jikkunsidra lill-**Abbozzi** fi tliet stadji ta' qari. L-**abbozzi** jiġu eżaminati wkoll mill-kommissjonijiet speċifikati mis-**Sejm** u mis-**Senat**.

Adozzjoni

Is-**Senat** għandu, **fi żmien 30 jum mis-sottomissjoni ta' Abbozz**, jadottah mingħajr emendi, jadotta emendi jew jirriżolvi dwar iċ-ċaħda kompleta tiegħu. Is-**Sejm** jista' jiċċad l-emendi tas-Senat biss permezz ta' vot ta' maġġoranza assoluta fil-preżenza ta' mhux inqas minn nofs l-għadd statutorju ta' deputati.

Proklamazzjoni

Wara li ttlesta l-proċedura fis-Sejm u fis-Senat, il-Marixxall tas-Sejm għandu jissottometti l-Abbozz adottat lill-President għall-firma. Il-President tar-Repubblika għandu jiffirma Abbozz fi żmien 21 jum mis-sottomissjoni u għandu jordna l-promulgazzjoni tiegħu fil-Ġurnal tal-Liġijiet tar-Repubblika tal-Polonja (Dziennik Ustaw). Erbatax-il jum wara, l-Att jidħol fis-seħħ. Madankollu d-data tad-**dħul fis-seħħ** tista' wkoll tiġi stabbilita fit-test ta' Abbozz. Skond is-sistema tal-liġi Pollakka, Abbozz jista' jitfassar biss minn Abbozz ieħor. Id-data meta l-Att jew liġi jitlef jew titlef is-saħħa ta' liġi għandha tiġi inkluża fit-test tal-Att jew liġi.

Bażijiet tad-dejta legali

Tista' ssib Atti legali lura sal-1918 fuq is-sit web tal-[Bażi tad-dejta legali Pollakk \(Sejm\)](#), flimkien ma' lista ta' dawn l-Atti.

L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa **mingħajr ħlas**.

L-aħħar aġġornament: 10/12/2012

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.